MALTA

# QORTI TAL-APPELL
## (Sede Inferjuri)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-12 ta' Ġunju, 2024

Appell Inferjuri Numru 31/2023 LM

**Alessandro Francesco Cutuli (PP YA0501936)**
*('ir-rikorrent')*

***vs***

**Asfaltar Construction Limited (C 38006)**
*('is-soċjetà intimata')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dawn huma żewġ appelli magħmulin, wieħed prinċipali mis-soċjetà intimata **Asfaltar Construction Limited (C 38006)** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà intimata'], u l-ieħor inċidentalment mir-rikorrent **Alessandro Francesco Cutuli (PP YA0501936)** [minn issa 'l quddiem 'ir-rikorrent'] mid-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal Industrijali [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], fit-8 ta'

Marzu, 2023 [hawnhekk 'id-deċiżjoni appellata']. Quddiem it-Tribunal, ir-rikorrent allega li huwa sofra minn trattament diskriminatorju u minn tkeċċija inġusta mill-post tax-xogħol mas-soċjetà intimata, u t-Tribunal iddeċieda illi:

> *"Tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ kif ġew esposti f'dan il-proċess, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' t-talbiet tar-rikorrent u jiffissa l-kumpens dovut lir-rikorrent fis-somma ta' tlett elef Euro (€3,000) bħala kumpens għat-tkeċċija inġusta u l-aġir diskriminatorju fil-konfront tiegħu. Dan l-ammont irid jitħallas mill-kumpannija fi żmien sitt ġimgħat mid-data ta' din id-deċiżjoni.*
>
> *Għall-finijiet ta' Avviż Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fl-ammont ta' €93.17.*
>
> *B'hekk tintemm din il-kwistjoni ta' xogħol."*

**<u>Fatti</u>**

2. Permezz tar-rikors tiegħu quddiem it-Tribunal, ir-rikorrent spjega li hu kien ilu jaħdem mas-soċjetà intimata mid-9 ta' Marzu, 2020 bħala '*skilled labourer'* abbażi ta' kuntratt ta' xogħol għal perijodu indefinit. Ir-rikorrent qal li huwa persuna ta' nazzjonalità Taljana, u fit-12 ta' Ottubru, 2021 huwa kien involut f'inċident ma' ħaddiem Malti, fejn dan tal-aħħar allegatament ħebb għalih fiżikament. Qal li l-kwistjoni kienet marbuta max-xogħol innifsu, għaliex il-ħaddiem Malti ħa għalih wara li r-rikorrent talab gwida mingħand is-*supervisor* dwar kif kellhom jitpoġġew xi tubi, minflok lil dan il-ħaddiem. Ir-rikorrent qal li huwa m'għamilx dan b'nuqqas ta' rispett, iżda għaliex huwa ma bediex jifhem bil-Malti, u s-*supervisor* kien jaf jitkellem bit-Taljan. Qal ukoll li konsegwenza ta' dan l-inċident huwa safa ferut u ġarrab ġrieħi ta' natura ħafifa li minħabba fihom kellu jagħmel xi żmien fuq *sick leave* qabel ma reġa' ġie f'kundizzjoni li seta' jirritorna lura x-xogħol. Qal li ftit wara li daħal lura x-xogħol

fit-18 ta' Ottubru, 2021, huwa ġie mgħarraf li l-impjieg tiegħu kien ser jiġi tterminat minħabba li ma kienx hemm biżżejjed xogħol fil-kumpannija, ossia għal raġunijiet ta' *redundancy,* u b'hekk l-aħħar ġurnata tax-xogħol tiegħu kienet fid-29 ta' Ottubru, 2021. Ir-rikorrent qal li huwa jaf li l-kumpannija għandha diversi impjegati oħra li jagħmlu xogħol identiku għal dak li kien jagħmel hu, u wara li huwa ġie mgħarraf li ma kienx għad hemm xogħol għalih fil-kumpannija, ġew ingaġġati ħaddiema ġodda magħha. Qal li li huwa bagħat ittra legali lis-soċjetà intimata fejn infurmaha li kellha l-obbligu li timxi mal-prinċipju *last in, first out,* u għalhekk din imxiet b'mod diskriminatorju miegħu, u allega wkoll li t-tkeċċija tiegħu mill-impjieg kienet waħda inġusta, imma s-soċjetà intimata baqgħet inadempjenti u ma weġbitux lura. Qal li agħar minn hekk, huwa jaf li s-soċjetà intimata daħħlet magħha ħaddiema ġodda fl-impjieg li kien jokkupa hu, wara li huwa safa mkeċċi mix-xogħol. Għalhekk ir-rikorrent talab lit-Tribunal jiddikjara li (i) is-soċjetà intimata imxiet b'mod abbużiv u/jew bi ksur tal-liġi u/jew b'mod diskriminatorju fil-konfront tiegħu; (ii) it-tkeċċija tiegħu mill-impjieg kienet inġusta; (iii) is-soċjetà intimata hija responsabbli għad-danni sofferti minnu, kemm dawk morali kif ukoll dawk pekunjarji, u jillikwida d-danni li għandhom jitħallsu lilu, u jagħti kull ordni oħra li tista' tkun xierqa u opportuna fiċ-ċirkostanzi.

3. Min-naħa tagħha, is-soċjetà intimata wieġbet li l-allegazzjonijiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u dan għaliex hija ma impjegat l-ebda ħaddiema oħra magħha wara li tterminat l-impjieg tar-rikorrent, u għalhekk ma jistax jingħad li t-tkeċċija tar-rikorrent mill-impjieg kienet inġusta. Qalet li r-rikorrent għamel numru ta' xhur wara t-terminazzjoni tal-impjieg

tiegħu jgħix ġewwa appartament li jappartjeni lil Paul Amagro u lil Ian Magro, diretturi tas-soċjetà intimata, u dan mingħajr ebda ħlas. Qalet li r-rikorrent ħalla dan il-fond fi stat diżastruż, u f'dan is-sens id-diretturi tagħha qegħdin jirriservaw id-dritt li jipproċedu kontra tiegħu għad-danni kkawżati minnu fl-imsemmi appartament. Qalet ukoll li fid-dawl ta' dan, m'hemm l-ebda kumpens li huwa dovut lir-rikorrent. Is-soċjetà intimata qalet ukoll li hija ma tistax tinżamm responsabbli għall-allegati feriti sofferti mir-rikorrent, u t-Tribunal Industrijali m'għandu l-ebda kompetenza dwar materji bħal dawn. Żiedet tgħid li r-rikorrent irid iġib prova tad-danni sofferti minnu, u t-talbiet tiegħu għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom.

**<u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>**

4. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fit-8 ta' Marzu, 2023, it-Tribunal laqa' t-talbiet tar-rikorrent, filwaqt li ffissa l-kumpens li għandu jitħallas lilu fl-ammont ta' tliet elef Euro (€3,000) bħala kumpens għat-tkeċċija inġusta u l-aġir diskriminatorju soffert minnu. It-Tribunal iddeċieda wkoll li dan l-ammont irid jitħallas mir-rikorrent fi żmien sitt ġimgħat mid-data tad-deċiżjoni, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> ***"Sinteżi tax-xhieda***
>
> *Xehed **Ian Magro** Direttur tas-soċjetà Asfaltar fejn ippreżenta lista tal-Jobsplus tal-ħaddiema tas-soċjetà, il-kuntratt tal-impjieg tar-rikorrent, nota li ħalla r-rikorrent meta telaq mill-fond fejn kien joqgħod u sett ta' ritratti ta' kif ħalla l-istess fond.*
>
> *Ir-rikorrent **Alessandro Francesco Cutuli** xehed bil-lingwa Taljana li huwa għamel kważi sentejn jaħdem mas-soċjetà bl-aħħar ġurnata tax-xogħol tiegħu tkun il-15 t'Ottubru. Huwa xehed li fil-bidu xogħlu kien ta' mastrudaxxa imma imbagħad beda jagħmel tipi differenti ta' xogħol "*con asfalto, facevo non so icimento, livelo di

murantura e di tante cose c'ero un uou di tutto va". *Ix-xhud qal li ma kienx l-aħħar persuna li ġiet impjegata mas-soċjetà però dawn baqgħu jaħdmu mal-Asfaltar wara li huwa tkeċċa minħabba nuqqas ta' xogħol. Mistoqsi jekk ħallasx kera u kontijiet minn Ottubru sa Jannar ix-xhud qal li kera ma kienx iħallas minħabba li ma kienx qed jaħdem però kontijiet kien iħallas. Huwa qal li kien fittex xogħol però ma sabx u telaq lura lejn Sqallija. Hemmhekk beda jaħdem ta' mastrudaxxa. Malta kien beda jaħdem ma' Polidano f'Novembru, għal xi xahar u nofs, iżda meta ġie lura mill-vaganzi tal-Milied, wara li mar Sqallija, dawn keċċewh. Huwa pprova jsib xogħol ma' Elbros, ma' Bonnici però għalxejn u għalhekk mar lura pajjiżu. Ir-rikorrent qal li waqt li kien qed jaħdem ma' Asfaltar, huwa kien xtara karozza però kellu jirritornaha għax ma kellux biex iħallasha. F'seduta oħra r-rikorrent xehed li huwa kien jagħmel xogħol ta'* "carpentiere e muratore", *fost xogħlijiet oħrajn. Mistoqsi jikkonferma kemm dam jaħdem waqt li kien Sqallija, ir-rikorrent ikkonferma illi huwa kien ħadem biss għal xahar f'Lulju. Huwa qal li l-kont tad-dawl kien iħallsu bit-telephone u ma kellux karta li turi li ħallas.*

***Ian Magro** rikjamat xehed dwar l-impjegati li r-rikorrent allega li daħlu jaħdmu warajh. Is-Sur Hafes beda jaħdem mas-soċjetà fit-3 ta' Mejju, 2021 u kien għadu jaħdem magħhom u l-ieħor Dikan beda jaħdem magħhom fil-15 ta' Frar, 2021 u ukoll kien għadu jaħdem magħhom. Id-differenza bejn ir-rikorrent u dawn l-impjegati huwa li* "dawk huma labourers normali jiġifieri bil-pala, affarijiet ... u s-Sur Cutuli huwa skiller labourer u kien jarma x-shutter u kien jagħmel xogħol ta' konkos u ħadid." *Mistoqsi jekk dawn il-ħaddiema kinux jagħmlu dan ix-xogħol, ix-xhud wieġeb fin-negattiv. Ix-xhud qal li lir-rikorrent ma ppruvax iniżżlu għal dan il-grad "*Dan ma tistax tniżżlu, jekk ikun xi ħadd skilled labourer u l-paga differenti totalment, ħa tnaqqaslu qisu l-grad tiegħu." *Ix-xhud qal li mal-Jobsplus ma ssirx distinzjoni bejn labourer u skilled labourer għaliex kollha mniżżlin bħala labourer. Mistoqsi in kontro-eżami x'inhu x-xogħol ta' skilled labourer, ix-xhud qal li dan ikun xogħol bħal ma kien tar-rikorrent "*mhux xogħol jien naf bil-pala, jiknes jew helpers ikun jista' tgħidlu għall-mod tal-kelma, tqabbdu biċċa xogħol, jarma x-shutter u jagħmilha waħdu." *Mistoqsi x'kien xogħol l-iskilled labourers apparti shuttering, ix-xhud qal li dawn jarmaw kollox, jarmaw il-ħadid komplut mhux kwistjoni li titfa' l-konkos u li dan żgur ma kienx xogħol li dawn in-nies li daħlu warajh setgħu jagħmlu. Ix-xhud qal li dan ix-xogħol ta' shuttering irid ikollok esperjenza biex tagħmlu. Mistoqsi mit-Tribunal min kien qed jagħmel dan ix-xogħol wara li spiċċa mill-impjieg ir-rikorrent ix-xhud qal "*aħna naqsilna dan it-tip ta' xogħol, qiegħed jagħmluh in-nies li kellna li daħlu ħafna qablu."

*Ir-rikorrent xehed x'ġara fl-inċident mal-impjegat Malti, Orsini, fejn imbagħad spiċċa tkeċċa. Wara li spiċċa mingħajr xogħol kellu problemi finanzjarji u ma setax jibqa'*

*jħallas il-karozza li kien xtara. Ir-rikorrent xehed li, kuntrarjament għal dak iddikjarat mis-soċjetà, huwa kien jagħmel ħafna aktar xogħol mill-ispeċjalizzazzjoni tiegħu. Fil-maġġoranza tal-ħin huwa kien jagħmel xogħol ta' labourer normali. Is-soċjetà mhux talli ma kellhiex xogħol, iżda impjegat persuni oħra warajh. Huwa ħadem għal xahar ma' Polidano però ma setax isib xogħol Malta u mar Sqallija fejn sab xogħol għal xi xahar u issa mhux qed jaħdem. Mistoqsi dwar l-appartament u l-ħsara li allegatament għamel, ir-rikorrent qal li huwa ma għamel l-ebda ħsara.*

***Andrea Nicola**, bil-lingwa Taljana, xehed li kien ħadem ma' Asfaltar għal xi sitt xhur minn Marzu 2020. Huwa kien labourer imma kien jagħmel xogħol ieħor, anke ta' "carpentiere". Mistoqsi dwar x'differenza kien hemm f'xogħlu u dak tar-rikorrent, ix-xhud qal li ma kien hemm "*Nessuna differenza ... Perche Alessandro faceva tutte le cose, anche io facevo tutte le cose Alessandro faceva tutte le cose." *Ix-xhud qal li huwa ma kienx speċjalizzat però xorta kien jagħmel l-istess xogħol tar-rikorrent.*

***Sinteżi tat-trattazzjoni***

***L-Avv. Franco Galea** għas-soċjetà intimata qal li s-sinteżi tal-azzjoni hija allegazzjoni li kien hemm ksur tal-prinċipju ta'* first in last out. *L-Avv. Galea qal li għalkemm fir-rikors ir-rikorrent irrefera għal diskriminazzjoni l-provi li nġabru kienu dwar il-prinċipju tal-*first in last out *u fil-fatt ħareġ li wieħed ma jistax jara l-*first in last out *biss fi kwistjoni ta' bniedem, tara d-data li daħal u min tneħħa jew ma tneħħiex. Ir-rikorrent meta mar ifittex xogħol, anke barra minn Malta, fittex impjieg mhux ta' labourer normali imma ta' skilled labourer għaliex huwa kellu ħiliet partikolari. Li ġara f'dan il-każ huwa li s-soċjetà ġiet f'sitwazzjoni fejn ma kellhiex bżonn dik il-ħila, ma kellhiex xogħol għalih u effettivament waqqfitu mill-impjieg u r-rikorrent qed jgħid li s-soċjetà impjegat dawn it-tnejn li kienu żewġ individwi li fil-fatt kienu qegħdin jagħmlu xogħol ta' normal labourers. L-Avv. Galea żied illi l-iktar ukoll punt kruċjali li wieħed irid jara huwa li l-impjieg li kellu r-rikorrent mas-soċjetà Asfaltar, ma kienx l-aħħar impjieg u fil-fatt huwa stess bil-ġurament tiegħu qal li mar jaħdem għal darba darbtejn ma' kumpannija oħra bil-ħila tax-shuttering u s-soċjetà ma kellhiex dan ix-xogħol għalih. Il-persuni li impjegat is-soċjetà warajh kienu labourers normali, fatt li ma kkontradixxiex ir-rikorrent u qal li anke huwa kien jagħmel dak ix-xogħol ma jfissirx li r-rwol tiegħu fis-soċjetà kien dak u għalhekk il-kwistjoni tal-*last in first out *ma tirriżulta minn imkien. Ir-rikorrent sab xogħol mill-ewwel u baqa' jgħix fl-appartament tad-diretturi fil-vesti tagħhom personali u kien biss meta sab xogħol u ma ħallashomx li qalulu biex joħroġ.*

*L-***Avv. Mark Muscat** *għar-rikorrent qal li din il-kawża mhux biss imsejsa fuq* last in first out *biss iżda qiegħda fuq diskriminazzjoni u fuq* fake redundancy. *L-oneru tal-*

*prova f'dawn il-proċeduri taqa' fuq is-soċjetà u t-Tribunal irid jimxi mal-provi li daħlu quddiemu. L-Avv. Muscat jistaqsi x'inhuma l-punti importanti biex it-Tribunal jasal għall-konklużjoni tiegħu. Veru kien hemm* lack of work? *Naqas ix-xogħol? Xi provi tressqu quddiem dan it-Tribunal li naqas ix-xogħol? Minn kemm kien qabel għal issa. Huwa jgħid li tant li ma naqasx ix-xogħol li s-soċjetà ppreżentat lista tal-Jobsplus u fil-fatt huma żiedu l-impjegati, irrispettivament hux identiċi bħalu, jekk jonqos ix-xogħol, jonqos minn kollox, mhux jonqos dik il-biċċa biss u x-xogħlijiet l-oħra le. Ma tressqet l-ebda prova dwar in-nuqqas ta' xogħol u għaldaqstant għandna noqogħdu fuq id-dikjarazzjoni tar-rikorrent f'dan il-każ. Ma nġabet l-ebda prova li dawn li daħlu wara r-rikorrent ma kinux ukoll skilled labourers. Apparti minn hekk li tkun skilled labourer ma kienet tfisser għax hekk kif xehed ir-rikorrent u kollega tiegħu li kien jaħdem miegħu dak iż-żmien, sebgħin fil-mija tax-xogħol ma kienx ikun ta' skilled labourers, u dak li ma kienx jaħdem ta' skilled labourer xehed li xeba' jagħmel xogħol ta' skilled labourer. L-Avv. Muscat jgħid li kien hemm diskriminazzjoni għaliex ir-rikorrent li huwa Taljan iġġieled ma' Malti u qala' daqqtejn u wara li dan daħal lura mis-sick leave is-soċjetà naqsilha x-xogħol u ġie redundant. Li ġara li kien aktar komdu li s-soċjetà teħles mit-Taljan milli mill-Malti. Il-liġi timponi obbligi fuq min iħaddem li jipprevjeni dan it-tip ta' harassment u minflok ħadet azzjoni biex ma jiġrux dawn l-affarijiet, is-soċjetà keċċiet lill-vittma. Jiġifieri hemmhekk naqset mill-obbligu tagħha u l-liġi hija ċara li miżuri effettivi jridu jkunu u kkwota l-artikolu 12(a) tal-LS 452.95 li jimponi dak l-obbligu. Agħar minn hekk, u hawnhekk toħroġ l-attitudni tas-soċjetà, meta huma kitbu lis-soċjetà ai termini tal-liġi 452.95, artikolu 9, minkejja li kellhom għaxart ijiem biex jirribattu, huma ma rrispondewx. Issa dik il-liġi tgħid li meta employer deliberatament jew mingħajr ġustifikazzjoni ma jirrispondix jew jirrispondi b'mod evażiv, it-Tribunal jista' jasal għal inferenza li min iħaddem għamel azzjonijiet illegali. Fejn tidħol il-kwistjoni tal-kera, dan kien kuntratt bejn ir-rikorrent u sid is-soċjetà, u kien hemm miktub li kien iħallas mitejn Euro fix-xahar bħala kera u joħroġ 'il barra mill-ambitu, mill-kompetenza ta' dan it-Tribunal jekk sarux xi ħsarat. Sabiex jiġu kwantifikati xi danni, ir-rikorrent kien daħal għal kambjali u meta spiċċa bla xogħol kellu jagħti lura l-vettura u tilef l-ammonti li tnizzlu b'riżultat ta' dan. It-Tribunal f'nuqqas ta' prova għandu jilqa' t-talbiet tar-rikorrent.*

*In replika l-Avv. Galea qal li l-oneru tal-prova f'dak ir-rigward tar-redundancy u l-*first in last out *jinkombi lis-soċjetà, però l-prinċipju ġenerali li min jallega jrid jipprova qiegħed japplika anke f'din il-proċedura. In-naħa l-oħra allegat diskriminazzjoni għaliex tkeċċa Taljan u mhux Malti, għalkemm tissemma fid-dikjarazzjoni tal-każ ma tressqet l-ebda prova fuq din, u jekk wieħed jara l-lista tal-impjegati jidher li l-impjegati l-oħrajn li daħlu warajh ma kinux Maltin.*

*Dwar l-oneru tal-prova l-Avv. Muscat qal li l-liġi speċjali tipprevali fuq il-liġi ġenerali u hawn hekk qegħdin nitkellmu fuq il-LS 452.95 li tgħid li kull ma jrid jipprova r-rikorrent huwa fatti li t-Tribunal jista' jippreżumi li sar atti diskriminatorji u hawn għandna każ ta' Taljan u Malti li ġġieldu, wieħed baqa' hemm u l-ieħor tkeċċa, u hawn ir-rikorrent qiegħed jgħid li mhux vera kien hemm redundancy, u l-prinċipju tal-*last in first out *ma ġiex esegwit u r-redundancy ma kinitx ġenwina, għaliex erbat ijiem wara din il-ġlieda naqas ix-xogħol u tkeċċa però imbagħad ġew impjegati aktar nies li kważi jagħmlu l-istess xogħol, jekk mhux eżatt l-istess xogħol.*

***Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal***

*Il-kwistjoni odjerna hija msejsa fuq allegazzjoni ta' trattament diskriminatorju u allegazzjoni ta' tkeċċija inġusta. Ir-rikorrent allega li l-prinċipju ta'* last in first out *ma ġiex segwit u li dan huwa każ ta'* fake redundancy.

*Il-provi li tressqu f'din il-kawża kienu dwar ir-redundancy u għaldaqstant it-Tribunal ser jibda billi janalizza dan il-prinċipju. L-artikolu 36 tal-Att dwar l-Impjieg u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta) jipprovdi li f'każ ta' redundancy, il-prinċipal għandu d-dmir li:*

(i) jagħti avviż ta' temm tal-impjieg, iżda kull impjegat li l-impjieg tiegħu jiġi terminat minħabba din ir-raġuni jkun intitolat għall-impjieg mill-ġdid jekk il-post li kien jokkupa qabel jerġa' jkun ottjenibbli fi żmien perijodu ta' sena mid-data ta' tmiem l-impjieg (b'kondizzjonijiet mhux anqas favorevoli minn dawk li kien ikun intitolat għalihom li kieku l-kuntratt tas-servizz dwaru ma kienx intemm); u
(ii) jtemm l-impjieg ta' dik il-persuna li tkun impjegata l-aħħar fil-klassi tal-impjieg milquta minn dik ir-redundancy.

*It-Tribunal jagħmel referenza għall-kawża deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili fl-ismijiet Remi Armeni vs. Francis Busuttil and Sons (Marketing) Limited fejn il-Qorti għamlet eżami tad-definizzjoni ta' redundancy. Il-Qorti rreferiet għall-fatt illi l-liġi Maltija ma tagħtix definizzjoni ta' redundancy però jidher li segwiet it-tifsira Ingliża hekk if stabbilit f'Alessandra Theuma vs. Alfred Mangion (AIC 23 ta' Mejju, 2008). Il-każistika Ingliża stabbiliet il-linji gwida segwenti:*

(a) Was the employee dismissed?
(b) If so, had the requirements of the business for the employees to carry out the work of a particular kind ceased or diminished (or were expected to do so)?
(c) If so, was the dismissal caused wholly or partly by that state of affairs?

"Tissokta tirritjeni s-sentenza "Safe Stores plc vs Burrell" (1997) li minnha l-preċitat kweżiti ttieħdu, illi taħt punt (b) l-element kruċjali hu dak jekk verament kien hemm tnaqqis fil-business requirements di fronte għall-impjegat. Espliċitament, tesprimi "*in deciding that, Tribunals shall not introduce "a contract test" whereby they just considered the specific tasks the applicant was employed for."* Illi wkoll f'din l-istess linja ta' ħsieb is-sentenza "Shawkat vs Nottingham Hospital NHS Trust" u għal certu sens, mhux lanqas 'il bogħod minnhom, id-deċiżjonijiet ta' din il-Qorti fl-ismijiet "Victoria Spiteri vs St. Catherine's High School" (18 ta' Ottubru, 2006) u "John Bartolo vs International Machinery Limited" (9 ta' Mejju, 2007)."

*Il-Qorti tal-Appell Ċivili fil-każ Armeni vs. Francis Busuttil and Sons (Marketing) Limited kompliet billi tgħid "*Illi għalhekk f'dan il-kuntest din il-Qorti tħoss li l-mistoqsija li trid tiġi imposta f'każ ta' redundancy hija jekk ix-xogħol li kien qed jagħmel l-impjegat baqax meħtieġ għall-employer, u jekk kienx hemm bżonn l-operat tal-impjegat sabiex ikompli fl-istess xogħol ...".

*Fil-każ Vanessa Fenech vs. SL Shipping Management Company Limited deċiż fil-31 ta' Ottubru, 2016, il-Qorti tal-Appell ukoll irreferiet għal-liġi Ingliża u qalet li sabiex ikun hemm redundancy irid ikun hemm* abolition of post.

*Mill-provi mressqa f'dan il-każ, jew aħjar, nuqqas ta' provi li tressqu f'dan il-każ, it-Tribunal ma huwiex f'pożizzjoni li huwa konvint illi veru kien hemm nuqqas ta' xogħol jew saħansitra* abolition of post. *Is-soċjetà ma ppreżentat l-ebda prova dwar dan. Dwar l-oneru tal-prova l-Qorti tal-Appell fil-każ imsemmi Fenech vs SL Shipping Management Company Limited qalet li "*Ladarba l-appellanti ddikjarat li tterminat l-impjieg minħabba redundancy, kien l-obbligu tagħha li tressaq provi konvinċenti li hekk kien il-każ." *Ir-rikorrent allega illi huwa ma kienx l-aħħar wieħed li ġie impjegat u li saħansitra wara li tkeċċa huwa, is-soċjetà impjegat persuni oħra warajh. Il-kuntratt tar-rikorrent jgħid illi huwa kien "Skilled Labourer" u fl-engagement form tal-Jobsplus huwa mniżżel bħala "Labourer" bl-argument tas-soċjetà jkun illi l-Jobsplus ma tagħmilx distinzjoni bejn skilled labourer u labourer u allura l-impjegati kollha li jagħmlu dak it-tip ta' xogħol jitniżżlu bħala labourers. Mill-provi, inkluż ix-xhieda tad-direttur Magro, ġie mtenni illi Cutuli kien jagħmel xogħol ta' "Carpentiere" bil-lingwa Taljana, jew inkella ta' shuttering. Hawnhekk it-Tribunal jagħmel referenza għal-lista tal-Jobsplus ippreżentata minn Ian Magro, fejn apparti numru ta' labourers li ġew impjegati wara r-rikorrent hemm ukoll tliet persuni li ġew impjegati bħala shutterers ukoll wara r-rikorrent. Hawnhekk it-Tribunal jagħmel referenza għal* contract test *li ssemma aktar 'il fuq. It-Tribunal ma huwiex konvint illi Cutuli kien jagħmel xogħol ta'*

*Skilled Labourer biss iżda huwa konvint li Cutuli kien jagħmel dak li kien ikun hemm bżonn fuq il-lant tax-xogħol.*

*It-Tribunal jirreferi għall-klawsola Special Conditions tal-kuntratt tal-impjieg tar-rikorrent fejn ingħad illi "*The employer can delegate the employee to work on behalf of other inter-companies mainly Asfaltar Ltd/Asfaltar Construction Ltd/Fratelli Magro Ltd/Fratelli Magro Waste Treatment Ltd."

*Anke jekk wieħed jinsa l-punt tal-*last in first out *u kellu jemmen it-teżi tas-soċjetà li naqsilha x-xogħol ta' shuttering, u spiċċat daharha mal-ħajt u ma kellha l-ebda triq oħra għajr li tkeċċi lir-rikorrent, wieħed jistaqsi għalfejn din ma għamlitx attentati li ssib xogħol alternattiv lir-rikorrent. Possibbli li Cutuli, li hekk kif xehed hu u eks kollega tiegħu, xhieda li ma kinitx kontestata, kien jagħmel kull xogħol li jiġi għal idejh, ma kienx hemm post għalih fil-kumpanniji kollha msemmija fil-kuntratt tal-impjieg tiegħu? Is-soċjetà ma ġabet l-ebda prova illi b'xi mod ippruvat issalvalu l-impjieg tiegħu jew offrietlu xogħol alternattiv.*

*Fid-dawl tal-provi mressqa dan it-Tribunal jasal għall-konklużjoni li t-tkeċċija ta' Cutuli ma kinitx minħabba nuqqas ta' xogħol u temmen it-teżi tar-rikorrent li din kienet* fake redundancy. *Wara l-kwistjoni li kellu Cutuli mal-impjegat Malti, Orsini, minflok li s-soċjetà widdbet lit-tnejn li huma, u jekk dehrilha li dan huwa atteġġjament mhux aċċettabbli, ħadet passi dixxiplinarji kontra t-tnejn li huma, hija ħadet il-vija l-aktar faċli u keċċiet lit-Taljan bi skuża ta' nuqqas ta' xogħol. It-Tribunal jerġa' jtenni illi s-soċjetà ma ppreżentat l-ebda prova sabiex tirribatti l-allegazzjoni tar-rikorrent li t-tkeċċija kienet waħda inġusta u diskriminatorja.*

*Dwar id-diskriminazzjoni, l-artikolu 26(1)(b) tal-Kap. 452 jipprovdi s-segwenti:* "Ħadd ma jista', rigward impjegati li huma diġà fl-impjieg tal-prinċipal, jassoġġetta dawk l-impjegati jew xi klassi ta' impjegati għal trattament diskriminatorju, fir-rigward ta' kondizzjonijiet ta' impjieg jew tkeċċija." *Id-definizzjoni ta' trattament diskriminatorju taħt l-artikolu 2 tal-istess Kap. 452 tipprovdi li dan ifisser "*kull distinzjoni, esklużjoni jew restrizzjoni li ma tkunx ġustifikabbli f'soċjetà demokratika inkuża diskriminazzjoni fuq il-bażi tal-istat konjugali, tqala, jew tqala potenzjali, sess, kulur, diżabilità, twemmin reliġjuż, opinjoni politika jew sħubija fi trade union, jew f'assoċjazzjoni ta' prinċipali."

*Fir-rigward ta' dawk li jissejħu 'karatteristiċi protetti' hekk kif indikati fl-istess definizzjoni fuq ikkwotata, ir-rikorrent ma indikax liema karatteristika huwa qiegħed isejjes it-talbiet tiegħu bħala l-'comparator' li fuqha dan it-Tribunal għandu janalizza l-allegazzjoni ta' diskriminazzjoni. It-Tribunal ma jsib li l-ebda minnhom ma tkopri dak li qiegħed jallega r-rikorrent. B'danakollu wieħed lanqas ma jista' jiskarta l-fatt li d-*

*definizzjoni ta' trattament diskriminatorju hija ferm aktar vasta minn hekk taħt il-Kap. 452, u dan kif regolarment dedott mill-qrati tagħna, għaliex id-definizzjoni tista' tkopri "*kull distinzjoni, esklużjoni jew restrizzjoni li ma tkunx ġustifikabbli f'soċjetà demokratika". *Tali provviżjoni għaldaqstant tagħti lok ta' wisa' lil dan it-Tribunal sabiex janalizza f'aktar reqqa u b'iżjed libertà il-kwistjoni ta' jekk ir-rikorrent verament kienx soġġett għal aġir diskriminatorju fis-sens aktar ġenerali, minkejja li ma jinstab li tapplika l-ebda karatteristika protetta. Sabiex ikun hemm diskriminazzjoni, it-Tribunal għandu janalizza jekk kienx hemm xi aġir li permezz tiegħu s-soċjetà intimata ttrattat lir-rikorrent b'xi mod differenti minn individwi oħra nonostante n-nuqqas ta' karatteristika protetta – fil-fatt l-istess artikolu 26(2)(ċ) jipprovdi li tali aġir, filwaqt li apparentement wiesa' fil-kuntest tiegħu, irid ikun* "abbażi ta' trattament diskriminatorju".

*L-aġir diskriminatorju f'dan il-każ seħħ fil-mument illi r-rikorrent tkeċċa bl-iskuża ta' nuqqas ta' xogħol u dan wara li kellu xi jgħid ma' impjegat Malti u safa mweġġa'. Hekk kif qal it-Tribunal aktar 'il fuq is-soċjetà ma mxiet xejn sew mar-rikorrent u ma aġixxietx mal-impjegat Malti hekk kif aġixxiet mar-rikorrent tant li wieħed tkeċċa u l-ieħor le.*

*Fir-rigward tal-allegati ħsarat fil-fond mikri lir-rikorrent it-Tribunal ma għandux kompetenza illi jiddeċiedi fuq tali kwistjonijiet.*

*Dwar kumpens ir-rikorrent xehed illi tilef ħamest elef Euro (€5,000) minħabba li kellu jirritorna vettura li huwa xtara bil-kambjali għaliex ma setax jibqa' jħallas. It-Tribunal jgħid illi ma nġabet l-ebda prova dokumentarja ta' dan u għaldaqstant mhux ser jieħu konjizzjoni ta' din it-talba.*

***Deċiżjoni***

*It-Tribunal intalab sabiex:*

1. *Jiddikjara li s-soċjetà intimata aġixxiet b'mod abbużiv u/jew bi ksur tal-liġi u/jew b'mod diskriminatorju fil-konfront tiegħu;*
2. *Jordna li t-terminazzjoni tal-impjieg hekk kif magħmula tammonta għal tkeċċija inġusta;*
3. *Jiddikjara li s-soċjetà intimata hija unikament responsabbli għad-danni sofferti mir-rikorrent kemm dawk morali kif ukoll dawk pekunjarji.*
4. *Jillikwida d-danni sofferti flimkien ma' kumpens xieraq ai termini tal-artikoli 81 u 30 tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta.*
5. *Jordna li jsir ħlas tad-danni u tal-kumpens hekk likwidati fi żmien qasir u perentorju stabbilit mit-Tribunal.*

*6. Jagħti kull ordni li jidhirlu xieraq u opportun fiċ-ċirkostanzi.*

*Tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ kif ġew esposti f'dan il-proċess, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' t-talbiet tar-rikorrent u jiffissa l-kumpens dovut lir-rikorrent fis-somma ta' tlett elef Euro (€3,000) bħala kumpens għat-tkeċċija inġusta u l-aġir diskriminatorju fil-konfront tiegħu. Dan l-ammont irid jitħallas mill-kumpannija fi żmien sitt ġimgħat mid-data ta' din id-deċiżjoni."*

## L-Appell

5. Fir-rikors tal-appell imressaq mis-soċjetà intimata fl-20 ta' Marzu, 2023, hija talbet lil din il-Qorti tħassar is-sentenza tat-Tribunal tat-8 ta' Marzu, 2023 fl-ismijiet premessi, u tiddeċiedi l-appell billi tilqa' l-aggravji tagħha u tiċħad it-talbiet tar-rikorrent.

6. Fl-ewwel aggravju tagħha, is-soċjetà intimata tilmenta li t-Tribunal naqas milli japplika l-ġurisprudenza u l-liġi b'mod korrett fir-rigward ta' *redundancy* u tal-prinċipju *last in, first out.* Qalet li l-impjieg tar-rikorrent intemm minħabba *redundancy* fir-rigward tal-ħiliet tar-rikorrent, minħabba li d-domanda għax-xogħol naqset min-naħa tal-klijenti tagħha. Qalet li l-artikolu 36(4) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid illi f'ċirkostanzi ta' *redundancy,* jintemm l-impjieg tal-persuna li tkun ġiet impjegata l-aħħar fil-klassi tal-impjieg milquta minn dik ir-*redundancy.* Qalet li l-punt tat-tluq biex tkun tista' tiġi applikata din il-liġi, hija li jrid ikun hemm element ta' *redundancy* fir-rigward tal-ħiliet tal-impjegat. Qalet ukoll li minkejja li l-liġi tagħna ma tidħolx fl-element ta' *redundancy,* xorta waħda t-Tribunal għamel analiżi tal-ġurisprudenza lokali u Ingliża f'dan ir-rigward, iżda donnu t-Tribunal injora ix-xhieda prodotta li tipprova li din hija kwistjoni relatata ma' *redundancy.* Hawnhekk is-soċjetà intimata għamlet riferiment għax-xhieda tar-rikorrent fejn dan qal li fil-parti l-kbira tal-ħin, huwa

kien jintalab jagħmel xogħol li għalih ma kienx hemm bżonn ħiliet partikolari, kif ukoll għax-xhieda ta' Ian Magro, li qal li t-tip ta' xogħol li kien ingaġġat biex jagħmel ir-rikorrent naqas ħafna. Qalet li t-Tribunal ma kkunsidrax din ix-xhieda, sabiex jikkonferma li dan verament kien każ ta' *redundancy* u mhux *fake redundancy,* għaliex ix-xogħol tar-rikorrent ma kienx għadu meħtieġ aktar mill-prinċipal tiegħu.

7. Is-soċjetà intimata qalet li l-frażi 'fil-klassi tal-impjieg' li ssemmi l-liġi, hija kruċjali fil-każ odjern, u dan għaliex Jobsplus ma tagħmel l-ebda distinzjoni bejn *labourers* u *skilled labourers,* u rreġistrat lir-rikorrent bħala *labourer,* minkejja li r-rikorrent ġie ingaġġat bħala mastrudaxxa, *shutterer,* u kien jagħmel xogħol li jirrikjedi ċerta esperjenza bħal ma huwa x-xogħol tal-konkos u l-ħadid, li ma setax isir minn kwalunkwe ħaddiem. Qalet li għalhekk it-Tribunal kellu jħares lejn il-klassi tal-impjegati li ddaħħlu bħala *skilled labourers* u li kienu jagħmlu l-istess tip ta' xogħol bħar-rikorrent, u mhux sempliċiment *labourer* li kien jagħmel xogħol ordinarju li ma kien jirrikjedi l-ebda esperjenza. Qalet li l-fatt li hija impjegat tnejn min-nies wara li r-rikorrent temm l-impjieg tiegħu mhux jiġi kkontestat, iżda dawn kienu sempliċiment *labourers* u mhux *skilled labourers.* Qalet li għalhekk, l-impjegati li ddaħħlu wara li ntemm l-impjieg tar-rikorrent ma kinux fl-istess klassi ta' impjieg tar-rikorrent, u r-rikorrent naqas milli jipprova l-kuntrarju, iżda t-Tribunal xorta waħda naqas milli jieħu konjizzjoni tax-xhieda tas-soċjetà intimata. Qalet li anke li kieku r-rikorrent kien jagħmel xogħol ta' *labourer* ordinarju, huwa xorta waħda ġie ingaġġat bħala *skilled labourer,* u għalhekk ġie ingaġġat għaliex kienu meħtieġa l-ħiliet speċjalizzati tiegħu, u mhux biss dawk ta' *labourer* ordinarju. Qalet li għalhekk il-ħaddiema

li ġew ingaġġati wara r-rikorrent, jaqgħu fi klassi differenti minn dik tar-rikorrent għall-fini tal-liġi, u minkejja li t-Tribunal għamel enfasi fuq il-fatt li ġew ingaġġati tliet *shutterers* wara r-rikorrent, sabiex jimplika li l-impjieg tagħhom kellu jintemm qabel dak tar-rikorrent, imkien ma nġabet prova li dawn kienu fl-istess klassi ta' impjieg tar-rikorrent. Is-soċjetà intimata qalet li r-rikorrent kien jagħmel ħafna xogħol aktar speċjalizzat minn hekk, bħal xogħol tal-konkos u tal-ħadid.

8. Fit-tieni aggravju tagħha, is-soċjetà intimata tgħid li t-Tribunal naqas milli jieħu konjizzjoni tal-fatt li r-rikorrent sab impjieg ieħor eżattament wara li tkeċċa. Qalet li t-Tribunal iffissa kumpens fl-ammont ta' tliet elef Euro (€3,000) bħala kumpens għat-tkeċċija inġusta u aġir diskriminatorju fil-konfront tar-rikorrent. Qalet li fil-komputazzjoni tal-kumpens li jiġi deċiż li għandu jitħallas lil min jinstab li tkeċċa mix-xogħol inġustament, it-Tribunal kellu jikkunsidra d-danni reali u t-telf li jkun sofra l-ħaddiem li jkun ġie mkeċċi mingħajr kawża ġusta, u ċirkostanzi oħra, fosthom l-età u s-snajja tal-ħaddiem. Qalet li r-rikorrent sab impjieg immedjatament wara li l-impjieg tiegħu ġie tterminat, anki jekk fl-ewwel impjieg li sab wara t-tkeċċija, huwa dam jaħdem xahar u nofs biss. Is-soċjetà intimata qalet li mbagħad ir-rikorrent ipprova jsib impjieg ieħor ma' żewġ kumpanniji oħra hawn Malta, imma ftit taż-żmien wara huwa ddeċieda li jmur lura Sqallija fejn applika għall-benefiċċji soċjali. Is-soċjetà intimata qalet li ladarba r-rikorrent sab impjieg mill-ewwel wara li tkeċċa, kellu jiġi deċiż li dan ma sofra l-ebda danni jew telf reali minħabba d-deċiżjoni tagħha, u l-fatt li huwa ma damx jaħdem fl-impjieg li kellu wara li tkeċċa minn magħha, mhijiex kwistjoni li kellha taffettwa l-eżitu ta' dawn il-proċeduri. Is-soċjetà intimata

qalet li t-Tribunal kellu jikkunsidra dawn il-fatti *in toto,* il-fatt li r-rikorrent qatt ma sab impjieg u dam fih, kif ukoll il-fatt li huwa kien jgħix f'appartament tagħha mingħajr ħlas ta' kera anki wara li tkeċċa. Is-soċjetà intimata qalet li r-rikorrent lanqas ma ġab provi li huwa sofra danni reali u telf wara li tkeċċa, u għalhekk is-somma li ħareġ biha t-Tribunal ma tirriflettix id-danni u t-telf sofferti mir-rikorrent. L-intimata qalet li l-fatt li r-rikorrent sab impjieg alternattiv eżattament kif tkeċċa minn magħha, ixejjen kull forma ta' pretensjoni li seta' kellu r-rikorrent taħt il-kappa ta' *redundancy,* u għalhekk it-Tribunal qatt ma seta' jiddeċiedi bil-mod kif iddeċieda.

9. Fit-tielet aggravju tagħha s-soċjetà intimata tgħid li t-Tribunal naqas milli japplika b'mod korrett il-liġi dwar diskriminazzjoni. Qalet li minkejja li r-rikorrent allega li huwa tkeċċa għaliex kellu inċident ma' ħaddiem Malti, huwa naqas milli jindika liema karatteristika qiegħed jibbaża t-talbiet tiegħu fuqha bħala l-*comparator,* u aktar minn hekk, imkien ma ġie ppruvat li r-rikorrent tkeċċa minħabba f'dan l-inċident li kellu. Qalet li t-Tribunal iddeċieda li kien hemm diskriminazzjoni fil-konfront tar-rikorrent wara li qies li kien hemm *"distinzjoni, esklużjoni jew restrizzjoni li ma tkunx ġustifikabbli f'soċjetà demokratika",* iżda minn ħarsa lejn il-lista tal-impjegati li hija għandha magħha, wieħed jista' jinduna li hija m'għandha l-ebda preġudizzji fil-konfront ta' ħaddiema barranin. Is-soċjetà intimata temmet tgħid li minkejja li fit-trattazzjoni finali tiegħu, ir-rikorrent aċċenna għal-Liġi Sussidjarja 452.95 (ir-Regolamenti dwar Trattament Ugwali fl-Impjieg), l-artikolu 1(5) tal-istess regolament jgħid li dawn ir-regolamenti m'għandhomx japplikaw għal xi differenzi ta' trattament ibbażati fuq nazzjonalità. Qalet ukoll li minkejja li r-

rikorrent ma semmiex il-bażi ta' diskriminazzjoni li minħabba fiha tkeċċa mill-impjieg tiegħu, imma jimplika li kienet in-nazzjonalità tiegħu, ir-regolamenti iċċitati mir-rikorrent f'dan il-każ ma japplikawx.

**Ir-Risposta tal-Appell u l-Appell Inċidentali**

10. Ir-rikorrent fir-risposta tiegħu, qal li għandu jirriżulta li l-appell tas-soċjetà intimata ma sarx fuq punt ta' liġi kif rikjest mill-artikolu 82 tal-Kap. 452, iżda huwa appell frivolu u vessatorju mibni fuq argumenti mingħajr bażi legali, stante li jirrigwarda interpretazzjoni u/jew applikazzjoni tal-fatti tal-każ li saret mit-Tribunal, liema interpretazzjoni m'għandhiex tiġi riveduta f'dan l-istadju mill-Qorti tal-Appell.

11. B'riferiment għall-ewwel aggravju tas-soċjetà intimata, ir-rikorrent jgħid illi t-Tribunal fid-deċiżjoni tiegħu qal li huwa ma kienx konvint li fil-każ odjern kien hemm nuqqas ta' xogħol jew *abolition of post,* u rrefera għal-lista tal-JobsPlus minn fejn jirriżulta li wara t-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent, kien hemm tliet persuni li ġew ingaġġati bħala *shutterers* mis-soċjetà intimata. Qal li t-Tribunal ma kienx konvint li r-rikorrent kien jagħmel xogħol ta' *skilled labourer,* imma kien jagħmel dak kollu li jkun hemm bżonn fuq il-lant tax-xogħol. Qal li t-Tribunal spjega fid-dettall is-sitwazzjoni dwar l-oneru tal-prova fi proċeduri bħal dawn, u l-ġurisprudenza tgħid li meta impjieg jiġi tterminat minħabba *redundancy,* huwa obbligu tal-kumpannija li tippreżenta provi konvinċenti li dan kien il-każ. Ir-rikorrent qal li kollega tiegħu xehed li minkejja li huwa kien *labourer* ordinarju, effettivament ir-rikorrent u hu kienu jagħmlu l-istess xogħol, minkejja d-differenza fin-nomenklatura. Qal li għalhekk għandu

jirriżulta li t-Tribunal kien korrett fl-analiżi tiegħu tal-prinċipju ta’ *last in first out,* u ta’ x’jammonta għal *redundancy.*

12. Ir-rikorrent qal li t-tieni aggravju tas-soċjetà intimata huwa mingħajr bażi, u qal li hawnhekk s-soċjetà intimata donnu targumenta li l-fatt li r-rikorrent għamel minn kollox sabiex jipprova jimmitiga d-danni, għandu jiskwalifikah minn kull dritt li għandu li jitlob kumpens għad-danni sofferti minnu. Ir-rikorrent qal li t-Tribunal għamel riferiment ampju għal dak li tgħid il-liġi u dak li ġie stabbilit mill-ġurisprudenza dwar kif għandu jinħadem il-kumpens, u qal li l-argument tas-soċjetà intimata ma jsibx sostenn, għajr li kellu jiġi kkunsidrat id-dħul tiegħu fil-perijodu qasir li kien impjegat ma’ terzi, sabiex jitnaqqas mid-danni sofferti minnu. Qal li s-somma likwidata favur tiegħu tagħmilha evidenti li t-Tribunal ikkunsidra dan id-dħul, tant hu hekk li l-kumpens likwidat ma jirriflettix l-ammont ferm ogħla li suppost ġie likwidat skont kif tgħid il-liġi u l-ġurisprudenza f’dan ir-rigward.

13. B’riferiment għat-tielet aggravju tas-soċjetà intimata, ir-rikorrent qal li dan ukoll huwa frivolu u vessatorju stante li s-soċjetà intimata ma ressqet l-ebda eċċezzjoni jew sottomissjoni dwar l-argument tal-karatteristiċi protetti. Qal li l-liġi hija aktar wiesgħa minn dak li jipprovdu d-Direttivi Ewropej. Qal li huwa mhux biss wera li kien ittrattat differenti minn kollegi oħra *ai termini* tal-artikolu 26 tal-Kap. 452, imma barra minn hekk huwa ngħata fastidju minn ħaddiem ieħor tas-soċjetà intimata. Qal li fid-dawl ta’ dan kollu, l-intimata mhux biss naqset milli tieħu l-miżuri neċessarji sabiex tipprevjeni l-fastidju, iżda tat sostenn lil min kien qiegħed jiffastidjah, mingħajr ma semgħet il-verżjoni tar-rikorrent.

**L-Appell Inċidentali**

14. Ir-rikorrent spjega li anki huwa ħassu aggravat bid-deċiżjoni appellata, u l-aggravju prinċipali tiegħu huwa li t-Tribunal ma spjegax kif wasal għall-ammont tal-kumpens, u skarta għal kollox provi dokumentarji li tressqu quddiemu flimkien mad-dikjarazzjoni tal-każ, li juru li vettura mixtrija b'kambjali kellha tiġi ritornata minħabba t-terminazzjoni tal-impjieg. Hawnhekk ir-rikorrent għamel riferiment għal dak li jipprovdi l-artikolu 81(2) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta, u qal li t-Tribunal seta' jqis ukoll ċirkostanzi oħra bħall-età u s-snajja' tal-ħaddiem, li jistgħu jaffettwaw il-potenzjal tal-impjieg tiegħu. Qal li minn analiżi tal-ġurisprudenza, f'dan ir-rigward jirriżultaw aktar ċirkostanzi li jistgħu jiġu meqjusa, bħal ma huma l-perijodu li matulu wieħed jibqa' bla impjieg wara tkeċċija inġusta; provi dwar kemm l-impjegat ipprova jsib impjieg alternattiv wara t-tkeċċija inġusta; provi dwar jekk il-paga li beda jaqla' r-rikorrent kienitx inferjuri għal dak li kien jaqla' qabel ma tkeċċa; spejjeż sofferti minnu konsegwenza tat-tkeċċija inġusta; it-tul ta' żmien li huwa kien ilu impjegat qabel tkeċċa inġustament; u r-reputazzjoni tal-impjegat fl-industrija u s-sengħa u l-għarfien tiegħu. Qal li d-diskrezzjoni li għandu jeżerċita t-Tribunal, ma tfissirx li dan jista' jaqbad u jillikwida ammont li jkun, iżda fejn ikun hemm prova li impjegat sofra d-danni, dan għandu jedd jippretendi ammont ekwivalenti għat-telf li jkun sofra. Qal li t-Tribunal għandu jikkunsidra wkoll jekk kienx hemm tentattiv da parti tal-impjegat sabiex jimmitiga t-telf u kontributorjetà fil-kondotta li wasslet għat-tkeċċija. Qal li d-diskrezzjoni li għandu t-Tribunal trid tkun eżerċitata b'mod raġonevoli u li jagħmel sens fiċ-ċirkostanzi tal-każ.

15. Ir-rikorrent jikkontendi li minkejja li l-azzjoni kkontemplata taħt l-artikolu 75 tal-Kap. 452 tista' titqies bħala azzjoni *sui generis,* ir-relazzjoni bejn il-prinċipal min-naħa l-waħda u l-impjegat min-naħa l-oħra, hija waħda ta' indoli kuntrattwali, u b'hekk kull kwistjoni ta' responsabbilità tal-prinċipal għandha tiġi riċerkata u eżaminata abbażi tal-istess disposizzjoni u taħt ir-regoli li jirregolaw l-azzjonijiet *ex contractu.* Qal li d-danni *ex contractu* jinħadmu fuq dak li kienet ser takkwista parti f'kuntratt li kieku l-obbligazzjonijiet kuntrattwali ġew onorati. Hawnhekk ir-rikorrent għamel riferiment għal diversi sentenzi tal-Qrati tagħna sabiex juri x'tip ta' konsiderazzjonijiet ġew meqjusa qabel it-Tribunal illikwida d-danni li għandhom jitħallsu lill-ħaddiem milqut b'tkeċċija nġusta. Qal li fix-xhieda tiegħu huwa spjega kif tilef l-ammont ta' ħamest elef Euro (€5,000) minħabba li kellu jirritorna vettura li xtara bil-kambjali għaliex ma setax jibqa' jħallas. Qal li hemm element ta' diskrezzjoni fil-komputazzjoni tad-danni, iżda tali diskrezzjoni trid tintuża b'mod raġonevoli u proporzjonat għaċ-ċirkostanzi tal-każ. Qal ukoll li mhux minnu li huwa ma ressaq l-ebda prova dokumentarja dwar it-telf soffert minnu, u li t-Tribunal ma ta l-ebda spjegazzjoni dwar kif wasal għas-somma ta' tliet elef Euro (€3,000), meta l-provi dokumentarji juru li huwa kellu jitlaq lura lejn pajjiżu fejn bħalissa hemm kriżi ekonomika, tant hu hekk li huwa baqa' ma sabx impjieg. Ir-rikorrent għalhekk talab lil din il-Qorti tilqa' l-aggravju mressaq minnu fir-rigward tad-deċiżjoni dwar ir-raba' talba fir-rikors promutur, fejn ġie llikwidat kumpens ta' tliet elef Euro, u tvarja l-ammont tal-kumpens billi tillikwida kumpens xieraq u opportun skont il-liġi abbażi tal-provi li tressqu quddiem it-Tribunal u ċ-ċirkostanzi tal-każ;

jew alternattivament, terġa' tibgħat l-atti quddiem it-Tribunal sabiex jiġi likwidat kumpens xieraq abbażi tal-provi u taċ-ċirkostanzi tal-każ.

**Ir-Risposta għall-Appell Inċidentali**

16. Is-soċjetà intimata għamlet riferiment għall-artikolu 81(2) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta għall-fini tal-kompetenza li għandu t-Tribunal f'każijiet ta' tkeċċija. Qalet li t-Tribunal fid-deċiżjoni tiegħu spjega li ġew meqjusa ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ kif jirriżultaw mill-proċess, qabel ta d-deċiżjoni tiegħu. Qalet ukoll li fir-rikors tal-appell inċidentali tiegħu, ir-rikorrent għamel riferiment għal diversi fatturi li ma joħorġux mil-liġi iżda mill-ġurisprudenza, u donnu ried jimplika li m'għandux fiduċja fit-Tribunal u fil-kompetenza tiegħu. Qalet li l-liġi tagħmilha ċara li t-Tribunal m'għandu l-ebda obbligu li jagħti dettall ampju dwar ir-raġunijiet li wasslu għad-deċiżjoni finali in kwistjoni, iżda jidher ċar li t-Tribunal ikkunsidra r-Regolament numru 12 qabel wasal għad-deċiżjoni tiegħu. Qalet ukoll li hija ma kellha l-ebda tort għall-fatt li r-rikorrent kellu jirritorna vettura li kien qiegħed iħallas għaliha bil-kambjali, u ma kellhiex tkun hi li tagħmel tajjeb għad-dejn li daħal għalih ir-rikorrent. Qalet ukoll li għandu jirriżulta li r-rikorrent sab impjieg ieħor ftit wara li tkeċċa minn magħha, u l-mod kif dan iqassam il-finanzi tiegħu mhijiex kwistjoni li għandha twieġeb għaliha hi. Qalet li għandu jirriżulta li immedjatament wara li tkeċċa minn magħha, ir-rikorrent sab impjieg ieħor, minkejja li tilef dan l-impjieg wara xahar u nofs, u xi żmien wara dan mar jgħix Sqallija, fejn għal xi żmien kien jirċievi l-benefiċċji soċjali. Qalet li għalhekk m'għandhiex tkun hi li tagħmel tajjeb għall-karattru tar-rikorrent li jsibha bi tqila jagħmel tul ta' żmien jaħdem mal-istess

kumpannija, u lanqas m'għandha titqies li hija responsabbli għal deċiżjonijiet finanzjarji li dan daħal għalihom fil-ħajja privata tiegħu.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

17. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mill-partijiet rispettivi, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mit-Tribunal fid-deċiżjoni appellata, u tas-sottomissjonijiet magħmula mill-partijiet.

18. Imma qabel ma tindirizza l-aggravji mressqa mill-partijiet, il-Qorti sejra tindirizza s-sottomissjoni li qajjem ir-rikorrent fir-risposta tiegħu, li l-appell intavolat mis-soċjetà intimata għandu jitqies li huwa frivolu u vessatorju, u li mhux ibbażat fuq punti ta' dritt, iżda fuq l-interpretazzjoni tal-liġi u tal-fatti li għamel it-Tribunal. Il-Qorti tqis li għal dak li jirrigwarda t-tliet aggravji mressqa mis-soċjetà intimata, hemm punti ta' dritt li din il-Qorti qiegħda tintalab tistħarreġ, partikolarment għal dak li jikkonċerna d-definizzjoni ta' *redundancy,* il-konsiderazzjonijiet li kien mistenni li jagħmel it-Tribunal meta jiġi biex jikkomputa l-kumpens li ġie likwidat favur ir-rikorrent, kif ukoll jekk il-fatti tal-każ jammontawx għal 'diskriminazzjoni'. F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel riferiment għal dak li qalet din il-Qorti diversament preseduta, fis-sentenza fl-ismijiet **Tonio Calleja *vs* Vitafoam Limited**[1]:

> *"Premessi l-ilmenti tal-appellant u r-risposta tas-soċjetà appellata għalihom, jibda biex jiġi reġistrat, in kontemplazzjoni tal-preġudizzjali preliminari sollevata, illi s-subinċiż (3) tal-artikolu 82 tal-Kap. 452 tal-Liġijiet jakkorda d-dritt ta' appell lil din il-Qorti mis-sentenza tat-Tribunal "fuq punt ta' liġi". Jiġi osservat li din id-dispożizzjoni ma tgħidx ukoll illi l-punt ta' liġi irid ikun deċiż mit-Tribunal fis-sentenza, kif hekk,*

[1] 15.02.2006 (per. Imħ. Ph. Sciberras).

> *inversament jagħmlu, ad eżempju, l-artikolu 15(2) tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp u l-artikolu 24(b) tal-Att dwar it-Tiġdid ta' Kiri tal-Bini (Kap. 69). Li jfisser, allura, illi kif bosta drabi oħra ritenut u ripetut, "huwa suffiċjenti li l-punt ta' liġi li fuqu jsir l-appell jirriżulta involut jew* impliciter *fid-deċiżjoni in kwantu din tkun ittieħdet bis-saħħa tal-prinċipji interpretattivi tal-liġi li l-appellant jikkontesta (Kollez. Vol. XL P. I p. 137)."*

In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti sejra tipproċedi bil-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-partijiet.

*L-Ewwel Eċċezzjoni:* *[It-Tribunal naqas milli japplika l-ġurisprudenza u l-liġi b'mod korrett dwar* redundancy *u l-prinċipju* last in first out*]*

19. Is-soċjetà intimata tikkontendi li t-Tribunal naqas milli jikkunsidra li kien hemm evidenza dwar tnaqqis fid-domanda għat-tip ta' xogħol li kien jagħmel ir-rikorrent, u li huwa ġie *redundant* għaliex hija ma kellhiex xogħol li jaqbel mal-ħiliet tiegħu. Qalet li t-Tribunal injora wkoll evidenza li tgħid li r-rikorrent spiss kien jintalab jagħmel xogħol li għalih ma kienet meħtieġa l-ebda ħila partikolari. Is-soċjetà intimata qalet li t-Tribunal kellu jindaga dwar jekk kienx hemm aktar ħaddiema li ddaħħlu jaħdmu magħha fl-istess klassi ta' impjieg wara li ġie tterminat l-impjieg tar-rikorrent, u qalet li minkejja li l-aġenzija JobsPlus ma tagħmel l-ebda distinzjoni bejn *labourer* u *skilled labourer,* ir-rikorrent kien ġie ingaġġat biex jagħmel xogħol li jirrikjedi ċerta esperjenza bħala *skilled labourer*.

20. Il-Qorti tqis li fil-każ odjern, għandu jirriżulta bl-aktar mod ampju li t-Tribunal Industrijali wasal għad-deċiżjoni tiegħu wara li qies il-fatti kollha tal-każ, u kien konvint li dan kien każ ta' *fake redundancy,* u mhux każ ta' *redundancy* li seħħet minħabba li x-xogħol li kien kapaċi jagħmel ir-rikorrent ma

kienx għad hemm bżonnu. Il-Qorti tqis li d-deċiżjoni li l-impjieg tar-rikorrent jiġi tterminat, ittieħdet wara li dan kellu xi jgħid ma' ħaddiem ieħor fuq il-post tax-xogħol, fejn ir-rikorrent safa mweġġa', u għalhekk kellu jagħmel xi żmien nieqes minn fuq il-post tax-xogħol. Mar-ritorn tiegħu fl-impjieg, ir-rikorrent ġie infurmat li l-impjieg tiegħu kien ġie tterminat. Is-soċjetà intimata qalet li minkejja li huwa minnu li hija ingaġġat numru ta' ħaddiema biex jaħdmu bħala *labourers* anki wara li ġie tterminat l-impjieg tar-rikorrent, dawn il-ħaddiema ma kinux fl-istess kategorija tar-rikorrent, li kien ġie ingaġġat minħabba fil-ħiliet speċjalizzati tiegħu.

21. Din il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tas-soċjetà intimata li t-Tribunal injora xi prova jew xi xhieda li taw id-depożizzjoni tagħhom quddiemu, jew li kien minħabba li t-Tribunal kien selettiv fil-provi li kkunsidra li dan wasal għall-konklużjoni li dan kien każ ta' *fake redundancy.* Jirriżulta bl-aktar mod ċar, mit-*time-line* li jirriżulta mill-provi, li r-raġuni għalfejn ir-rikorrent tkeċċa mill-impjieg kienet għax dan kellu xi jgħid ma' ħaddiem ieħor. Kienet is-soċjetà intimata li kellha l-oneru li tipprova b'liema mod naqas ix-xogħol, x'volum ta' xogħol speċjalizzat kien mistenni li jagħmel ir-rikorrent, u kemm mill-ġurnata tiegħu kienet tkun iddedikata għal xogħol speċjalizzat, u kemm kien iqatta' ħin jagħmel xogħol li għalih m'hija meħtieġa l-ebda ħila. Is-soċjetà intimata naqset milli turi li hija ppruvat issalva l-impjieg tar-rikorrent, imqar billi toffrilu impjieg alternattiv jew billi tispjegalu li minkejja li x-xogħol tiegħu ma kienx għadu meħtieġ, kien ser jiġi offrut xogħol alternattiv ieħor. Il-fatt li ftit taż-żmien wara li ġie tterminat l-impjieg tar-rikorrent, iddaħħlu xejn anqas minn tliet ħaddiema sabiex jagħmlu xogħol li r-rikorrent wera li kien kapaċi jagħmel tul il-ħajja

lavorattiva tiegħu mas-soċjetà intimata, juri li mhux minnu li lis-soċjetà intimata naqsitilha d-domanda għax-xogħol, u li riżultat ta’ dan kellha tkeċċi xi ħaddiema mill-impjieg. Mill-provi jirriżulta li t-tliet ħaddiema li ġew ingaġġati, qegħdin jaħdmu bħala *shutterers,* u għalhekk l-argument tas-soċjetà intimata, safejn tikkontendi li ma kellhiex bżonn aktar xogħol speċjalizzat, u li l-ħaddiema l-ġodda ma kinux mill-istess klassi ta’ impjieg tar-rikorrent, tfalli. Fuq kollox jirriżulta li kien biss l-impjieg tar-rikorrent li kien affettwat minn din l-allegazzjoni ta’ tnaqqis fid-domanda, u dan it-tnaqqis fid-domanda seħħ eżatt mal-inċident li r-rikorrent kellu ma’ wieħed minn sħabu fuq il-post tax-xogħol. In vista ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti taqbel mal-konklużjonijiet tat-Tribunal li dan kien każ ta’ *fake redundancy,* u mhux *redundancy* li seħħet għaliex ma kienx hemm aktar xogħol għar-rikorrent.

*It-Tieni Aggravju:* *[Ir-rikorrent sab impjieg eżatt wara li tkeċċa]*

22. Is-soċjetà intimata qalet li hija ħassitha aggravata għaliex it-Tribunal, fil-komputazzjoni tal-kumpens li għandu jitħallas lir-rikorrent, naqas milli jikkunsidra li dan sab impjieg ieħor eżattament wara li tkeċċa minn magħha. Qalet li t-Tribunal kellu obbligu jikkunsidra t-telf reali soffert mir-rikorent u ċirkostanzi oħra bħall-abbiltajiet u l-età tiegħu, u kellu jiġi kkunsidrat ukoll li r-rikorrent baqa’ jgħix f’appartament proprjetà tagħha mingħajr ma jħallas kera anki wara li ġie tterminat l-impjieg tiegħu.

23. Il-Qorti tqis li l-fatt li r-rikorrent sab impjieg ieħor ftit taż-żmien biss wara li tkeċċa minn mas-soċjetà intimata, jekk xejn jindika li r-rikorrent ipprova jimmitiga d-danni sofferti minnu. Mhux ċar lanqas ma’ xiex is-soċjetà intimata

qiegħda tallaċċja dan l-aggravju, u jekk hijiex qiegħda tippretendi li ma kellu jiġi likwidat l-ebda kumpens favur ir-rikorrent, wara li t-Tribunal sab li dan tkeċċa mill-impjieg inġustament u sofra wkoll diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol. Il-Qorti tqis li hemm biżżejjed provi li juru li bil-paga li kellu mill-impjieg, ir-rikorrent ħassu komdu biżżejjed biex jixtri karozza, iżda meta l-impjieg tiegħu ġie tterminat, huwa ma setax jibqa' jħallas il-kambjali, u spiċċa tilef il-flus li diġà kien ħallas fuq il-karozza. Dan ukoll huwa forma ta' telf għall-ħaddiem ikkonċernat. Jirriżulta wkoll li r-rikorrent dam madwar xahar biex sab impjieg alternattiv, u tul ta' xahar għal ħaddiem li jkun fi stat ta' inċertezza dwar meta ser jerġa' jibda jaqla' xi forma ta' introjtu, u li ma jafx meta ser ikun kapaċi jonora d-diversi obbligi li kull individwu ikollu fil-ħajja tallum, huwa tul ta' żmien mhux qasir, speċjalment jekk ikun barrani. Il-fatt li r-rikorrent kien kapaċi jsib impjieg alternattiv fi żmien xahar ċertament li ma kellux iwassal lit-Tribunal jiddeċiedi li għalhekk l-ebda kumpens m'għandu jitħallas lilu, kif donnha tippretendi s-soċjetà intimata, u għalhekk it-Tribunal sejjer jiċħad ukoll dan it-tieni aggravju.

*It-Tielet Aggravju:* *[It-Tribunal naqas milli japplika l-liġi dwar diskriminazzjoni b'mod korrett]*

24. Is-soċjetà intimata qalet li r-rikorrent naqas milli jindika l-karatteristiċi li jibbaża ruħhu fuqhom bħala *comparators.* Qalet li f'dan il-każ ma ġiex ippruvat li r-rikorrent tkeċċa minn fuq il-post tax-xogħol minħabba fl-inċident li kellu ma' wieħed minn sħabu. Barra minn hekk, ġie ppruvat minnha li hija timpjega bosta ħaddiema barranin, u għalhekk mhijiex minnha l-allegazzjoni li saret li r-rikorrent ġie ddiskriminat għaliex huwa barrani.

25. Meta din il-Qorti tiġi biex tiddeċiedi dwar jekk f'każ partikolari ħaddiem kienx suġġett għal trattament diskriminatorju, il-paragun irid isir fuq bażi ta' *like with like,* u dak li jrid jiġi muri huwa li kien hemm nuqqas ta' parità fit-trattament. Lil hinn mill-konsiderazzjoni dwar jekk ir-rikorrent irnexxilux juri li l-każ tiegħu jaqa' taħt xi waħda mir-raġunijiet ikkontemplati fil-liġi, it-Tribunal f'dan il-każ ikkunsidra li kien hemm inċident fuq il-post tax-xogħol li fih kienu involuti r-rikorrent, li huwa persuna ta' nazzjonalità Taljana, u ħaddiem ieħor li huwa Malti. Kien biss ir-rikorrent li tkeċċa mill-impjieg fuq il-premessa li ma kienx hemm biżżejjed xogħol għalih, u b'hekk is-soċjetà intimata evitat li jsiru proċeduri dixxiplinarji sabiex tistabbilixxi l-fatti kif seħħew u kif kellha tittratta mal-impjegati nvoluti. Ir-rikorrent qal li huwa kien ilu jingħata fastidju u s-soċjetà intimata tterminatlu l-impjieg, filwaqt li l-ħaddiem l-ieħor tħalla jibqa' jaħdem. F'dan il-każ japplika ukoll dak li qal it-Tribunal, li kien hemm *"distinzjoni, esklużjoni jew restrizzjoni li ma tkunx ġustifikabbli f'soċjetà demokratika"*, u dan minkejja li fil-każ odjern ma tapplika l-ebda karatteristika protetta. It-Tribunal ikkonkluda li fil-każ odjern kien hemm diskriminazzjoni għaliex bl-aġir tagħha s-soċjetà intimata ttrattat lir-rikorrent b'mod differenti minn ħaddiema oħra, inkluż l-ħaddiem li miegħu kellu xi jgħid. Ċertament li mhuwiex aċċettabbli, f'soċjetà demokratika, li żewġ ħaddiema involuti fl-istess argument, ma jiġux ittrattati bl-istess mod, anki f'każ li t-tnejn li huma jkunu tal-istess nazzjonalità. L-argument tar-rikorrent li huwa ġie diskriminat, huwa mibni fuq il-fatt li huwa ngħata trattament differenti minn ħaddieħor, u fil-fatt din hija forma ta' diskriminazzjoni li m'għandiex tiġi ssanata minn din il-Qorti. Għaldaqstant dan it-tielet aggravju mhuwiex mistħoqq, u sejra tiċħdu.

**L-Appell Inċidentali**

26. Ir-rikorrent qal li huwa ħassu aggravat bil-parti tad-deċiżjoni appellata fejn ġie llikwidat l-ammont ta' tliet elef Euro (€3,000) bħala kumpens li għandu jitħallas lilu mis-soċjetà intimata, u dan wara li t-Tribunal ikkunsidra li r-rikorrent ma ġab l-ebda prova dokumentarja fir-rigward tal-flus li jgħid li tilef minn fuq il-vettura li huwa xtara bil-kambjali. Fil-fatt ir-rikorrent ippreżenta kopji tal-kambjali li permezz tagħhom kien qiegħed iħallas il-pagamenti perijodiċi fuq il-vettura, li jgħid li imbagħad kellu jirritorna lura għaliex ma setax jibqa' jħallasha.

27. Il-Qorti tqis li minkejja li r-rikorrent ippreżenta kopji tal-kambjali li permezz tagħhom kien qiegħed isir il-ħlas għal din il-vettura, dan ma ġab l-ebda prova li turi li fil-fatt din il-vettura ġiet ripossessata mill-venditur wara li r-rikorrent sab ruħhu f'diffikultajiet minħabba t-terminazzjoni tal-impjieg mas-soċjetà intimata. Ir-rikorrent jgħid li t-Tribunal naqas milli juża d-diskrezzjoni tiegħu b'mod raġonevoli u proporzjonat, u għalhekk għandu jirriżulta li d-deċiżjoni dwar il-likwidazzjoni tal-kumpens li għandu jitħallas lilu tista' tiġi riveduta għaliex kien hemm ċirkostanzi li t-Tribunal naqas milli jikkunsidra, bħal ma huma t-tentattivi li għamel ir-rikorrent biex jimmitiga t-telf soffert, jew jekk il-kondotta tiegħu kkontribwietx għat-tkeċċija.

28. Din il-Qorti tqis li t-Tribunal ma kienx obbligat li jidħol fid-dettall dwar ir-raġuni għalfejn illikwida l-kumpens f'dan l-ammont, u fi kwalunkwe każ ir-rikorrent ma ressaq l-ebda prova ulterjuri, għajr għall-kambjali fir-rigward tal-ħlas tal-karozza, sabiex juri x'telf attwalment sofra konsegwenza tat-tkeċċija tiegħu mill-impjieg. Kien l-obbligu tar-rikorrent li jressaq il-provi kollha meħtieġa

sabiex jipprova t-telf attwalment soffert minnu fil-perijodu li dam mingħajr impjieg. Lil din il-Qorti jirriżultalha li t-Tribunal mexa fuq il-provi li ġew prodotti quddiemu, u għalhekk m'hemm l-ebda raġuni għalfejn għandu jintlaqa' l-aggravju mressaq mir-rikorrent fl-appell inċidentali tiegħu.

## Decide

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-appell prinċipali tas-soċjetà intimata billi tiċħdu, filwaqt li tiċħad ukoll l-appell inċidentali imressaq mir-rikorrent.**

**Kull parti f'dawn il-proċeduri għandha tħallas l-ispejjeż tagħha.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**